MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2009

Appell Civili Numru. 385/2005/1

**Burmarrad Commercials' u b`digriet tat-22 ta` Awissu, 2005, it-Tribunal jordna l-korrezzjoni fis-sens illi l-kelmiet fl-okkju 'Burmarrad Commercials' jigu sostitwiti l-kliem 'Burmarrad Commercials Limited'**

**vs**

**'Dolcerija Fred Buon Gusto' u b`digriet tat-22 ta` Awissu, 2005, it-Tribunal jordna l-korrezzjoni fis-sens illi l-kelmiet 'Dolcerija Fred Buon Gusto' jigu sostitwiti bil-kelmiet 'Alfred Falzon ezercenti l-kummerc bhala Dolcerija Fred Buon Gusto u John Friggieri';**
**u b'digriet tat-2 ta' Marzu, 2006, giet ordnata l-kjamata in kawza ta' Fred Buon Gusto Co Ltd**

**Il-Qorti,**

Fis-16 ta' Novembru, 2007, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas mill-konvenuti ta' tlett mija, sitta u tmenin lira Maltin u sitta u sittin centezmu (Lm 386.66), rapprezentanti bilanc dovut fuq kera ta' vetturi u servizzi vari liema ammont baqa' ma thallasx minkejja diversi interpellazzjonijiet.

Bl-ispejjez inkluzi ta` l-ittra ufficjali numru 730/04 u imghax legali mid-data tan-notifika ta' dan l-att kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta sollevata mill-konvenuti lli fl-ewwel lok, il-konvenuti m'ghandhom ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici u personalment qatt ma krew vetturi jew talbu servizzi lill-istess socjeta'.

Illi t-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenuti huma biss direttur u mpjegat ta' Fred Buon Gusto Co Ltd li tezercita l-kummerc bhala Dolceria Fred Buon Gusto.

Illi t-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li sa fejn jafu huma, Fred Buon Gusto Co Ltd m'ghandha ebda pendenza mas-socjeta' attrici.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-vetturi provduti mis-socjeta' attrici ma kienux ta' kwalita' pattwita.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Illi fit-2 ta' Marzu, 2006 giet ordnata l-kjamata in kawza ta' Fred Buon Gusto Co Ltd a spejjez provizorji tas-socjeta' attrici.

Ra illi r-risposta sollevata mis-socjeta' konvenuta kjamata in kawza hija rreplikata bhala l-

eccezzjonijiet li diga' nghataw mill-konvenuti fir-risposta taghhom tad-9 ta' Jannar, 2006.

Ra illi d-difensur tal-kjamat in kawza ssolleva ulterjorment l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' sentejn fil-konfront tas-socjeta' Fred Buon Gusto Co Ltd.

Ra x-xhieda ta' Noel Gauci.

Ezamina d-dokument ezebiti fl-atti tal-kawza.

Sema` t-trattazzjoni mid-difensur tas-socjeta' attrici.

**Ikkunsidra**

Illi din il-kawza titratta dwar hlas ta' bilanc ta' kera ta' vetturi u servizzi varji li l-konvenuti qieghdin jikkontestaw a bazi li m'ghandhom ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici u huma personalment qatt ma krew vetturi mis-socjeta' attrici u li fi kwalunkwe kaz huma mpjegati tas-socjeta' Fred Buon Gusto Co Ltd u li sa fejn jafu huma din is-socjeta' ma kellha ebda pendenzi mas-socjeta' attrici. *In oltre*, giet sollevata eccezzjoni ulterjuri mill-kjamata in kawza dwar il- preskrizzjoni ta' sentejn.

Illi t-Tribunal jinnota illi d-difensur tal-kjamat in kawza s-socjeta' Fred Buon Gusto Co Ltd ta ruhu bhala notifikat ghas-socjeta' kjamata in kawza fit-30 ta' Mejju, 2006.

Illi fix-xhieda ta' Noel Gauci ghas-socjeta' attrici pprezenta tlett invoices li jsejhu lil Dolceria Fred Buon Gusto, u cioe' *invoice* numru 45414 ghal riparazzjoni ta' hsarat f'ammont ta' Lm 349.16 datata 28 ta' Lulju, 2004, *invoice* numru 43295 bhala '*refueling charges'* f'ammont ta' Lm 4, datata 17 ta' April, 2004, u *invoice* numru 43567 f'ammont ta' Lm 29.50, bhala kirja ta' vettura JBC

394 ghal gurnata 30 ta' April, 2004 komplessivament jammontaw ghal Lm 382.56 dwar il-kirjiet u hsarat fil-vetturi ix-xhud qal illi huwa kien jiftiehem ma` Alfred Falzon minn naha ta' Dolceria Fred Buon Gusto. L-ammont mitlub jinkludi kera ta' vettura kif ukoll talba ghal hlas ta' servizzi ohra ta' riparazzjoni u '*refueling charges*' moghtija mis-socjeta' attrici. Id-dokumenti rapprezentanti spejjez li gew ipprezentati huma biss '*invoices'*. Illi fil-5 ta' Frar, 2007 gew ezebiti dokumenti ulterjuri li kienu jindikaw fost dokumenti ohra kopja tal-karta ta` l-identita' ta' John Friggieri, ftehim ta' kirja ta' vettura mmarkata bhala Dok. BC 2 datata 25 ta' Gunju, 2004 ammontanti ghal Lm 35.40, liema ammont ma jidhirx illi jifforma parti mit-talba quddiem dan it-Tribunal. Illi l-firem fil-ftehim tal-kirja ma tintarafx. It-Tribunal jinnota illi l-firma fil-karta ta` l-identita' pprezentata u ezebita bhala Dok. BC 2 issejjah lil John Friggieri u m'ghandha x'taqsam xejn mal-firma fil-ftehim ipprezentat. Illi *t-terms and conditions* datati 25 ta' Gunju, 2004 immarkati bhala Dok. BC 3 ipprezentati mis-socjeta' attrici huma ffirmati minn rapprezentanti taghha izda m'hemmx firma ta' min qed jikri.

Illi l-konvenuti ghazlu li ma jtellghux xhieda quddiem dan it-Tribunal u s-socjeta' attrici telghet biss xhud wiehed biss.

Illi t-Tribunal ha joqghod fuq il-provi migjuba quddiemu sabiex jasal ghal konkluzzjoni gusta u ekwa fuq il-vertenza.

Illi huwa pacifiku illi *invoices* wehedhom minghajr provi ohra m'humiex prova konklussiva ta' debitu dovut. Dawn l-*invoices* kienu jinhargu f'isem Dolceria Fred Buon Gusto.

Illi meta giet sollevata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' sentejn ma giex citat taht liema artiklu tal-ligi qieghed jigi sollevat il-preskrizzjoni. Illi l-konvenuti

nghataw opportunita' sabiex jitrattaw l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni izda dawn ghazlu li ma jitrattawx dan il-punt legali. Illi huwa pacifiku fil-gurisprudenza nostrana illi meta tigi sollevata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghandu jigu citat l-artiklu tal-ligi. Illi minhabba dan in-nuqqas, it-Tribunal ma jistax jiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-eccezzjoni.

Is-socjeta' ghazlet illi ttella' xhud wiehed biss quddiem dan it-Tribunal u li ma ttellax lill-konvenuti jixhdu. Skond l-uniku xhud tas-socjeta' attrici Noel Gauci, huwa qal illi dwar kiri u servizzi ohra kien jiftiehem ma` certu Alfred Falzon izda din m'hijiex prova bizzejjed sabiex titribwixxi lilu personalment bilanc mhux imhallas.

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi wara evalwazzjoni tal-provi migjuba mis-socjeta' attrici, giet ippruvata illi l-konvenuti m'ghandhom ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici. Illi fil-fehma tat-Tribunal, ir-rabta guridika hija bejn is-socjeta' attrici u s-socjeta' konvenuta kjamata in kawza Fred Buon Gusto Co Ltd. Jidher illi l-*invoices* li kienu jinhargu fuq Dolceria Fred Buon Gusto.

Illi t-Tribunal jinnota illi ghalkemm giet ipprezentata *rental agreement* ghal kirja li saret fil-25 ta' Gunju, 2004 ma gietx ipprezentata *rental agreement* ghal kirja datata 30 ta' Lulju, 2004 formanti parti mit-talba. L-ammont fil-ftehim tal-25 ta' Gunju, 2004 m'ghandux jifforma parti mit-talba f'din il-kawza peress illi l-ammont f'dan il-ftehim ma jaqbilx mal-ammont ta` l-*invoice*.

It-Tribunal huwa tal-fehma li ma giet ippruvata ebda rabta guridika bejn is-socjeta' attrici u l-konvenuti Alfred Falzon u John Falzon. Fir-rigward tas-socjeta' kjamata in kawza, it-Tribunal huwa tal-fehma illi s-socjeta' attrici ma gabet ebda prova konklussiva kontra taghha. Ghalhekk, it-Tribunal

> jidhirlu illi s-socjeta' attrici naqset li tipprova il-kaz kontra Fred Buon Gusto Co Ltd.
>
> Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talba attrici fil-waqt illi jillibera lil Alfred Falzon u John Friggieri mill-osservanza tal-gudizzju.
>
> Spejjez kollha a karigu tas-socjeta' attrici."

Appellat minn din is-sentenza s-socjeta` attrici. Essenzjalment, b'mod generali, hi tressaq 'il quddiem l-ilment illi l-gudizzju tat-Tribunal ma rrispettax kif imiss il-principju ekwitativ fl-ezami u l-valutazzjoni tal-provi u in kwantu ghal-liberazzjoni ta' Alfred Falzon u John Falzon (*recte,* Friggieri) hi mankanti minn motivazzjoni adegwata;

In sintesi, l-konkluzjoni tat-Tribunal fis-sentenza impunjata hi ridotta ghal dan:-

(1) Kienet tezisti rabta guridika bejn is-socjeta` attrici u s-socjeta` msejha fil-kawza Fred Buon Gusto Co. Ltd. Dan, it-Tribunal jiddeducih mill-*invoices* li kienu jinhargu fuq Dolceria Fred Buon Gusto;

(2) Ma giet provata ebda relazzjoni guridika bejn is-socjeta` attrici u l-konvenuti Alfred Falzon u John Friggieri;

(3) Is-socjeta` attrici ma gabet ebda prova konklussiva kontra s-socjeta Fred Buon Gusto Co. Ltd;

Ghal dawk li huma l-elementi l-aktar saljenti tal-provi l-atti juru li:-

(1) Il-fatturi minn fol. 17 sa fol. 20 huwa intestati lil Dolceria Fred Buon Gusto. Dawn il-fatturi jirrerferu ghal, riparazzjoni fuq il-mutur tat-trukk, *refuelling changes*, u kiri

ta’ gurnata ta’ l-istess trukk mit-30 ta’ April, 2004 sal-ghada 1 ta’ Mejju, 2004;

(2) Skond ix-xhieda ta’ Noel Gauci, General Manager tas-socjeta` attrici (fol. 21 *et sequitur*) il-persuna li kienet f’kuntatt mieghu ghal kiri ta’ *refrigerated truck* u in konnessjoni mal-hsara fil-mutur tieghu kien Alfred Falzon. Dejjem skond dan ix-xhud, li kkonferma dawk l-*invoices*, l-imsemmi Falzon kien anke accetta li jhallas nofs l-ammont reklamat;

(3) Gew esebiti zewg *rental agreements* il-wiehed sottoskritt minn “J. Friggieri” u riferibbli ghall-perijodu msemmi tat-30 ta’ April, 2004 (fol. 28). Fuq dan id-dokument jidher li l-ammont ta’ kera thallas *cash* (Nru. 43567). L-iehor esebit a fol. 48 juri d-data tal-25 ta’ Gunju, 2004, sottoskritt x’aktarx minn Falzon. Hu indikat fuq dan id-dokument illi l-ammont thallas *cash* (Nru. 44680);

Il-Qorti ma tistax ma tinnotax illi hadd mill-konvenuti jew mis-socjeta` kjamata in kawza ma xehed jew gie prodott biex jixhed;

Affermat dan kollu, bi preliminari din il-Qorti tibda biex tirregistra l-principju gja sottolinejat f’bosta decizjonijiet taghha illi l-ezami u l-valutazzjoni tad-dokumenti esebiti u tad-deposizzjonijiet tax-xhieda, il-gudizzju fuq l-attendibilita` jew il-kredibilita` taghhom, il-ghazla bejn id-diversi rizultanzi probatorji, ghal fini li tkun sostenuta l-motivazzjoni, jikkoinvolgu apprezzament ta’ fatt rizervat lill-gudikant fil-mertu. F’dan l-ezercizzju l-gudikant ma ghandu ebda limitu hlief, s’intendi, li jissuplixxi b’motivazzjoni idoneja r-ragunijiet li inducewh ghall-konvinciment tieghu. Dan kollu li nghad s’issa ghandu gheruq fid-dispost ta’ l-Artikolu 9 (2) ta’ l-Att V ta’ l-1995, anke jekk b’mod aktar elastiku minn dawk ta’ decizjonijiet quddiem il-Qrati jew tribunali ordinarji;

Bil-kontra, pero`, ta' dawn l-ahhar xorta ta' decizjonijiet ir-rikorribilita` ghall-appell minn sentenza tat-Tribunal specjali mhix konsentita ghall-impunjattiva ta' l-evalwazzjoni diskrezzjonali tal-fatti minn dan it-Tribunal fil-parametri stretti tal-Kapitolu 380 fejn il-valur tat-talba jkun inferjuri ghas-somma ta' hames mitt lira. Ara b'ezemplari "**John Attard -vs- Charles Agius**", Appell, 14 ta' Gunju, 2001. L-uniku rimedju provvdut f'kaz bhal dan huwa dak traccjat fl-Artikolu 8 (2) subparagrafu (d), jigifieri, fejn it-Tribunal ikun b'mod gravi mar kontra d-dettami ta' l-imparzjalita` u ta' l-ekwita` skond il-ligi [Artikolu 7 (1)] u fejn dik l-azzjoni tkun ippregudikat il-jeddijiet ta' min jappella. Is-socjeta` attrici appellanti tippuntella l-gravam taghha proprju fuq l-allegat ksur tad-dritt ekwitativ;

Il-gudizzju ta' l-ekwita jesigi li dan ikun sorrett almenu minn argomentazzjoni li taghti riljev lill-process logiku u intwittiv tal-Gudikatur fid-determinazzjoni tar-*ratio decidendi*. Jekk, allura, fl-istruttura tieghu tali gudizzju jkun mankanti fil-motivazzjoni jew dik l-istess motivazzjoni tkun wahda perplessa in kwantu mhux possiblli li tkun stabbilita l-gustifikazzjoni ta' dak li tqieghed ghab-bazi tad-decizjoni, dak il-gudizzju jsir wiehed sindakabbli. Kif inhu bil-wisq pacifiku d-disposittiv ta' sentenza ma jistax ma jinqarax fid-dawl tal-premessi taghha (ara "**Debono -vs- Matthew *et***", Appell Civili, 24 ta' Ottubru, 1966). Dan ghaliex, kif insenjat, l-enuncjazzjonijiet kontenuti fil-parti razzjonali ta' sentenza jikkostitwixxu l-premessi logici u guridici tad-decizjoni. Ara fost ohrajn **Kollez. Vol. XXIX P I p 157, Vol. XXX P I p 131** u **Vol. XLII P I p 287**;

Premess dan, din il-Qorti ma ghandha ebda ezitazzjoni li tikkonsidra ghal kollox perplessa l-parti motivazzjonali tas-sentenza f'dan il-kaz u li, b'konsegwenza ta' dan, is-sentenza tiddifetta minn gudizzju ekwitattiv. Fl-ewwel lok it-Tribunal ma setax jiddeduci mill-fatt illi l-*invoices* huma intestati lil Dolceria Fred Buon Gusto illi r-rapport negozjali kien bilfors mas-socjeta` kjamata in kawza. Ma tezisti ebda logika ghal konkluzjoni bhal din. Biex il-kontrattazzjonijiet htieghilhom ikunu f'rapport mas-socjeta`

ried jigi ppruvat, b'konvinciment, illi tali kien il-kaz. F'dan il-kaz, pero`, la l-konvenuti u lanqas is-socjeta` kjamata in kawza ma ttantaw minn xi xhieda jiddemostraw dan. It-Tribunal ma kellux jikkontenta ruhu mill-kontenut ta' l-eccezzjoni *ut sic* imma kellu jfittex prova aktar solida li kienet tissorreggi dik id-difiza. L-atti probatorji juru illi l-persuna li ghamlet kuntatt mas-socjeta` attrici kien il-konvenut Alfred Falzon. Ara xhieda ta' Noel Gauci a fol. 21. L-ebda prova kuntrarja ma ngiebet biex tiddisdici dik l-istqarrija tax-xhud imsemmi u, allura, it-Tribunal ma setax jigbed il-konkluzjoni li wasal ghaliha. Hu konkordi minn ezami ta' bosta decizjonijiet illi meta wiehed jikkontratta f'ismu personali ma jistax sussegwentement isostni li kien bhala fatt qed jikkontratta f'isem haddiehor jew f'isem xi entita guridika separata. Ara sa recentement is-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet "**Charles Thorne *et* -vs- John Mallia Borg *et***", 31 ta' Ottubru, 2008 u d-decizjonijiet f'din kompendjati;

Fit-tieni lok, il-gudizzju tat-Tribunal kien ukoll fis-sostanza inikwu fil-konfront tas-socjeta` attrici u dan arrekalha dak il-pregudizzju gravi li ssemmi d-dixxiplina normattiva tal-ligi. Ibda biex kieku wiehed kellu jaccetta r-raguni tat-Tribunal illi r-relazzjoni kienet mas-socjeta` imsejha fil-kawza ma setax imbaghad jigi, fl-istess waqt, asserit illi ma ngiebet ebda prova konklusiva kontra taghha ghas-sostenn tad-domanda attrici. Dan ghaliex dik il-prova ngiebet fil-gudizzju permezz tax-xhieda inkontradetta tar-rapprezentant tas-socjeta` attrici. L-unika differenza hi dik il-prova kienet taghmel stat *di fronte* ghal Alfred Falzon personalment u mhux ukoll kontra s-socjeta` msejha fil-kawza ghax l-partecipazzjoni taghha fil-kontrattazzjoni qatt ma kienet divulgata jew maghrufa. F'dan kollu l-Qorti ma tarax li kien hemm xi involviment tal-konvenut l-iehor John Friggieri, tant ghaliex dan ma jissemmiex mix-xhud Noel Gauci tant ghaliex fejn dan jikkonfigura bhala l-firmatarju fuq ir-Rental Agreement, il-korrispettiv, rapprezentat mill-*invoice* a fol. 19, jinghad li gie sodisfatt bi hlas *cash*;

Naturalment, dan ma jfisserx illi s-somma kollha pretiza hi dovuta. Jekk wiehed joqghod dejjem fuq ix-xhieda ta' l-imsemmi Noel Gauci jirrizulta li dan ikkonferma bhala dovuti l-ammont raffigurati fl-*invoices* Dok BC2 sa Dok. BC5 (fol. 17 sa fol. 20). Jekk minnhom tigi eskluza l-*invoice* a fol. 19, li, kif inghad, tinsab imhallsa, it-total ta' l-*invoices* rimanenti jgib is-somma ta' tliet mija sebgha u hamsin lira u sittax-il centezmu (Lm357.16). Hija din is-somma li l-konvenut Alfred Falzon ghandu jigi kkundannat jivversa lis-socjeta` attrici;

Salv ghal premess, in rijassunt, il-prova, sew testimonjali, sew dokumentarja, kienet pjenament tiggustifika lis-socjeta` attrici meta din agixxiet kontra l-imsemmi konvenut Alfred Falzon personalment ghad-ditta Dolceria Fred Buon Gusto u l-istess socjeta` ma kellhiex ghalfejn titlob is-sejha fil-kawza tas-socjeta` b'dak l-istess isem.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell u thassar u tirrevoka s-sentenza appellata. Tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici appellanti fil-konfront tal-konvenut Alfred Falzon limitatament, pero`, fis-somma ta' tliet mija sebgha u hamsin Lira Maltin u sittax-il centezmu (Lm357.16) ossija tmien mija wiehed u tletin euro, sitta u disghin centezmu (€831.96) flimkien ma' l-imghax kif mitlub. L-ispejjez taz-zewg istanzi jitbatew mill-istess konvenut appellat, hlief ghal dawk fil-konfront tal-konvenut appellat John Friggieri u tas-socjeta` kjamata in kawza li jibqghu a karigu tas-socjeta` attrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------